MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2007

Appell Civili Numru. 602/2002/1

**Carmel Borg u Saviour Borg u
s-socjeta` Johnson's Clothing Ltd.**

**v.**

**Direttur Sigurta` Socjali.**

**Il-Qorti;**

**Preliminari:**

B'rikors ipprezentat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Mejju, 2002 ir-rikorrent esponew:

“Illi huma gew notifikati bl-annessa ittra ufficjali mibghuta mill-intimat Direttur tas-Sigurta` Socjali, u dan a termini ta’ l-Artikolu 116(2) tal-Kap. 318 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema ittra qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok JC 1.
“Illi t-talba ta’ l-intimat Direttur ghall-hlas fuq l-att hawn fuq indikat hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet segwenti.

“Illi ghandu jigi rilevat illi r-rikorrenti Charles Borg u Saviour Borg proprio ma ghandhom jaghtu xejn lill-intimat fil-kwalita taghhom personali.

“Illi kwantu ghas-socjeta` Johnson’s Clothing Ltd, il-hlas dovut lill-intimat kien regolat bi skrittura privata datata 10 t’Ottubru 1994 bejnha u l-istess intimat, kif jirrizulta minn kopja ta’ l-iskrittura hawn annessa u mmarkata bhala Dok JC 2.

“Illi inoltre, is-socjeta` rikorrenti kienet effettwat diversi pagamenti lill-intimat, u ghalhekk l-ammont mitlub fl-ittra ufficjali kontestata b’dan ir-rikors m’huwiex dovut.

“Illi fl-ahhar lok it-talba ta’ l-intimat ghall-hlas hija preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2149(e) tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta’ Malta.

“Ghaldaqstant l-esponenti, filwaqt li qieghed prezenzjalment u formalment jikkontesta t-talba u l-eventwali esekuzzjoni min-naha ta’ l-intimat Direttur tas-Sigurta` Socjali, u dan ghar-ragunijet hawn fuq espressi, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talba hekk maghmula mill-intimat bhala infondata fil-fatt u fid-dritt kif hawn fuq espost, kwantu ghar-rikorrenti Carmel Borg u Saviour Borg proprio, stante li ma ghandhom jaghtu xejn personalment lill-intimat, u kwantu ghas-socjeta` Johnsons Clothing, stante li l-ammont mitlub m’huwiex dovut inoltre huwa preskritt.

“Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat Direttur tas-Sigurta` Socjali.”

Id-Direttur tas-Sigurta` Socjali pprezentata risposta fit-2 ta' Awissu, 2002 li permezz taghha espona:
"Illi huwa gie notifikat b'rikors tar-rikorrenti fejn qed jigi kontestat minnhom il-hlas tas-somma ta' mija u sebat elef erba' mija u sebgha u hamsin lira Maltin (Lm107,457.00,0) dovuta bhala kontribuzzjonijiet tas-Sigurta` Socjali u kontribuzzjonijiet addizzjonali ghall-perjodu Mejju 1992, Dicembru 1992. Marzu, Gunju u Settembru 1993 u Ottubru 1994;

"Illi fil-mertu t-talbiet kontenuti fir-rikors imsemmi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti ghar-ragunijiet segwenti:

"Illi l-esponenti iffirma diversi skritturi privati mar-rikorrenti fi spazju ta' diversi snin fosthom dak tal-10 ta' Ottubru 1994 sabiex jirregola pagamenti ta' kontribuzzjonijiet tas-Sigurta` Socjali dovuti mir-rikorrenti;

"Illi peress li sussegwentement ghal dik l-iskrittura tal-1994 ir-rikorrenti kemm personalment kif ukoll is-socjeta` Johnson's Clothing ma onorawx dan il-ftehim peress li ghalkemm kienu saru xi pagamenti ma thallsitx is-somma kollha dovuta, huma regghu iffirmaw skrittura privata ohra ma' l-esponent datata 4 ta' Dicembru 1997 (li hija l-iskrittura privata vigenti – kopja annessa Dok DSS1);

"Illi f'paragrafu 3 ta' l-istess skrittura s-socjeta` rikorrenti tramite' r-rikorrent Charles Borg ma kkontestatx id-dover taghha li thallas is-somma totali dovuta u li hija bilanc minn somma akbar ta' mija u tmintax-il elf sitt mija u tmien liri Maltin u disghin centezmu (Lm118,608.90,0) imsemmija fl-istess skrittura;

"Illi kif jidher mid-dokument "Schedule of Payments" hawn anness bhala Dok DSS2 minkejja li sar qbil fuq id-dati li fihom ghandu jsir il-hlas f'pagamenti rateali bejn is-sena 1998 u s-sena 2004, s'issa ghadhom saru biss zewg pagamenti – wiehed ta' Lm5,982.08,0 f'Awissu 1999 u iehor ta' Lm5,169.80,0 f'Settembru 1999;

"Illi minn dakinhar l'hawn ir-rikorrenti u s-socjeta` Johnson's Clothing ma effetwaw ebda pagament iehor u allura l-bilanc dovut huwa dak mertu ta' l-ittra ufficjali kontesta f'din il-kawza u cioe` ta' mija u sebat elef erba' mija u sebgha u hamsin lira Maltin (Lm107,457.00,0);

"Illi ghalkemm skond l-iskrittura privata tal-1997 ir-rikorrenti ghandhom zmien sas-sena 2004 sabiex ihallsu s-somma kollha l-esponent josserva li f'dawn l-ahhar tliet snin huma xorta ma onorawx l-obbligi taghhom;

"Illi l-esponenti jidhirlu li ghal hafna snin huwa kien lanjanti zzejjed mar-rikorrenti billi kif diga` ntqal permezz ta' diversi skritturi privati huma ta' aktar minn cans wiehed lir-rikorrenti u li-socjeta` Johnson's Clothing ihallsu s-somma f''pagamenti rateali u ghalhekk ma jistax ma jirrimarkax li dan ir-rikors huwa frivolu u vessatorju u ntiz biss li jkompli jtawwal it-terminu ta' zmien li fih ghandha tithallas is-somma li r-rikorrenti stess skond l-iskrittura tal-1997 qed jammettu li ghandhom ihallsu;

"Illi inoltre rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kontenuta fis-sitt paragrafu tar-rikors din hija inapplikabbli stante li l-preskrizzjoni f'kazijiet simili hija ta' tletin sena u dan skond l-Artikolu 116(5)(i) tal-Kap 318;

"Illi rigward il-kontenut tas-seba' paragrafu tar-rikors, l-esponent jishaq li flimkien mas-socjeta` Johnsons Clothing, ir-rikorrenti Carmel Borg u Saviour Borg huma personalment responsabbli ghad-debitu;

"Illi ghalhekk l-esponent jikkonferma li l-ammont fl-ittra ufficjali datata 9 ta' Mejju 2002 kontestata permezz tar-rikors fl-ismijiet premessi ghadu dovut u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom."

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza tat-13 ta' April, 2005 bil-mod segwenti:

“Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa’ t-talba tar-rikorrenti personalment u tiddikjara li m’humiex debituri ta’ l-intimat, izda tichad it-talba tas-socjeta` rikorrenti u tiddikjara l-ammont imsemmi fl-ittra ufficjali in kwistjoni bhala dovuti kollha mill-istess socjeta`.

“Spejjez jithallsu kollha mis-socjeta` rikorrenti.”

U dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi kif jidher ir-rikorrenti qeghdin jagixxu taht il-provvedimenti ta’ l-artikolu 116 tal-Kap 318 cioe` l-Att dwar is-Sigurta` Socjali u dan wara li l-intimat talab il-hlas imsemmi fir-rikors a bazi ta’ l-istess artikolu permezz ta’ ittra ufficjali tad-9 ta’ Mejju, 2002.

“Ir-rikorrenti qed iressqu tlett lanjanzi. L-ewwel nett li huma personalment ma ghandhom x’jaghtu xejn id-Dipartiment; li l-ammont ma hux dovut u li t-talba ta’ l-intimat hija preskritta.

“Kontrarjament ghal dak li allegaw ir-rikorrenti fir-rikors, il-ftehim finali li jirregola l-hlas bejn il-partijiet sar fl-4 ta’ Dicembru, 1997 u mhux l-iskrittura li huma esebew. Ghalhekk billi t-talba saret f’Mejju 2002 il-kawzali tal-preskrizzjoni m’hijiex gustifikata ghaliex ma ghaddewx hames snin li huwa l-perjodu preskrittivi applikabbli fuq obligazzjonijiet naxxenti minn skrittura privata. Il-Qorti ma taqblix mar-rikorrenti li japplika l-Artikolu 2149(e) tal-Kap 16 ghaliex dan l-artikolu jsemmi biss *spejjes gudizzjari, dazzju u taxxi.* Certament kontribuzzjonijiet skond l-Att in kwistjoni ma jissemmewx u wiehed ma jistax japplika r-regoli tal-preskrizzjoni b’xi analogiji meta *si tratta* ta’ telf ta’ dritt. Ghalhekk fir-rigward tal-preskrizzjoni t-talba hija nfondata.

“L-istess jirrizulta ghal dak li hu hlas. Ir-rikorrenti esebew kopji ta’ ricevuti rilaxxati mid-Dipartiment, izda dawn il-hlasijiet kollha saru qabel l-1997 u ghalhekk zgur ma jinkludix hlasijiet ta’ l-ammont li kien dovut dakinhar u li ghalih iffirmaw huma stess.

“Fejn il-Qorti thoss li r-rikorrenti ghandhom raguni huwa fejn huma qed jghidu li personalment ma ghandhomx jaghtu izda hija s-socjeta` Johnson’s Clothing Limited li hija d-debitrici.

“Infatti l-iskritturi kollha jindikaw li kienet din is-socjeta` li obbligat ruhha li thallas u mhux ir-rikorrenti personalment li dejjem iffirmaw ghan-nom tas-socjeta`. L-intimat imkien ma ressaq xi prova li r-rikorrenti huma personalment responsabbli, u lanqas ma ccita xi ligi fir-rigward. L-istess Kap 318 dejjem jirreferi ghall-*principal* u d-definizzjoni ta’ din il-kelma skond l-Att hija nklussiva u tghid;

*“Principal” tinkludi korp ta’ persuni li jkunu socjeta` f’negozju, kumpanija, fellowship jew socjeta` ta’ persuni sew jekk korporati jew mhux korporati u sew jekk ghandu personalita’ legali jew le, u enti morali stabbilit bil-ligi.*

“Imkien ghalhekk ma jidher skond l-Att imsemmi li d-diretturi tas-socjeta` jistghu jkunu responsabbli personalment ghall-hlasijiet in kwistjoni. Fil-fatt l-intimat fl-ittra ufficjali tieghu qed jitlob il-hlas minghand ir-rikorrenti personalment billi indikahom solidalment responsabbli izda fl-iskritturi msemmija huma dejjem iffirmaw *on behalf of Johnson’s Clothing Limited.* Ghalhekk is-solidarjeta’ ma tidhol imkien.”

**L-appell ta’ l-intimat Direttur tas-Sigurta` Socjali.**

Id-Direttur tas-Sigurta` Socjali hassu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b’rikors intavolat fit-3 ta’ Mejju, 2005, talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha “*tikkonferma dik il-parti tas-sentenza li tiddikjara illi l-ammont imsemmi fl-ittra ufficjali in kwistjoni huwa dovut mis-socjeta` Johnson’s Clothing u tikkonferma dik il-parti tas-sentenza illi l-ispejjez ghandhom jithallsu mis-socjeta`, filwaqt illi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza illi tiddikjara illi l-appellati Carmelo Borg u Saviour Borg mhumiex debituri tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali personalment, bl-ispejjez kontra l-appellati.*”

Fir-risposta taghhom ir-rikorrenti appellati filwaqt li ddikjaraw li huma jhossu li dik il-parti tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fejn qalet li "*tilqa' t-talba tar-rikorrenti personalment u tiddikjara li m'humiex debituri ta' l-intimat"* hija gusta u timmerita konferma, talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tichad l-appell intavolat mill-appellant u tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn giet milqugha t-talba taghhom personalment u gie dikjarat li m'humiex debituri ta' l-intimat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat appellant.

**Ikkunsidrat:**

Qabel xejn ghandu jinghad li minn qari tar-rikors tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali u r-risposta tar-rikorrenti appellati jidher li l-kwistjoni quddiem din il-Qorti hija limitata ghar-responsabbilita` personali tar-rikorrenti Carmel u Saviour Borg billi l-ammont reklamat fl-ittra ufficjali tad-9 ta' Mejju, 2002 mhux qed jigi kontestat mill-appellati, kif mhux qed tigi kontestata r-responsabbilita` tas-socjeta` rikorrenti u lanqas il-kwistjoni tal-preskrizzjoni.

Infatti fir-rikors ta' l-appell tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali jinghad li l-ewwel Qorti kienet legalment skorretta meta "*agixxiet daqs li kieku l-Artikolu 123 tal-Kap 318 tal-Ligijiet ta' Malta li jispecifika illi l-obbligu tal-hlas jkun in solidum f'kaz ta' hlas dovut minn korp jew ghaqda ta' persuni u mill-manager jew ufficjal iehor taghha kien inezistenti. Din id-decizjoni ad insaputa ta' l-Artikolu 123 tal-Kap 318 tal-Ligijiet ta' Malta hija ghalhekk difettuza u timmerita li tigi revokata*." In sostenn tas-sottomissjoni tieghu l-appellant ghamel referenza ghad-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet "*Kavalier John Parnis England vs Direttur tas-Sigurta` tas-Sigurta` Socjali.*"

L-Artikolu 123 tal-Kap. 318 jipprovdi s-segwenti:
"(1) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni, meta xi att, affarijiet jew haga ohra li huma mehtiega li jsiru jew li m'ghandhomx isiru skond jew taht dan l-Att ghandhom isiru jew m'ghandhomx isiru minn korp jew ghaqda ohra ta'

persuni, dak l-att, affarijiet jew haga jkunu wkoll mehtiega li jsiru jew li ma jsirux persunalment mill-*manager* jew ufficjal principali iehor ta' dak il-korp jew dik l-ghaqda; u d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolamenti maghmula bis-sahha tieghu ghandhom japplikaw f'dan is-sens.

(2) Meta fl-applikazzjoni tas-subartikolu (1) jkollu jsir xi hlas minn korp jew ghaqda ta' persuni u mill-*manager* jew ufficjal principali iehor taghha, dak l-obbligu jkun *in solidum.*"

Qed jigi sottomess ukoll li l-Artikolu 116 tal-Kap. 318 ma jistax jigi interpretat bhala li jgib in-nuqqas ta' responsabbilita` ghall-hlas min-naha ta' principali li jimpjegaw il-haddiema fis-socjeta` taghhom.

Il-kontro-parti qed isostni li l-iskrittura tal-4 ta' Dicembru, 1997 bejn Charles Borg ghan-nom tas-socjeta` Johnsons Clothing Limited u Ian Napier ghan-nom tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali ma taghti ebda indikazzjoni dwar ir-responsabbilita` personali ta' Charles (Carmel) u Silvio (Saviour) Borg billi dawn dejjem iffirmaw (anke fi skritturi precedenti) f'isem il-kumpanija, u ghalhekk qed jinghad, mill-appellati, li dik l-iskrittura tikkostitwixxi novazzjoni u, jekk kien hemm xi obbligazzjoni da parti tar-rikorrenti appellati personalment, din l-obbligazzjoni spiccat.

**Ikkunsidrat:**

F'dan l-istadju tal-proceduri ma jidhirx kontestat li l-ammont reklamat mid-Direttur tas-Sigurta` Socjali huwa effettivament dovut. L-eccezzjonijiet ta' pagament u preskrizzjoni gew michuda mill-ewwel Qorti u ma sar ebda appell minn dan il-pronunzjament. Il-pern tad-dibattitu jikoncerna jekk l-ammont hekk reklamat ghandux jithallas mis-socjeta` rikorrenti wahedha jew mill-istess socjeta` <u>flimkien</u> mar-rikorrenti Borg personalment *qua* obbligati solidalment ma' l-istess socjeta` ghall-hlas ta' l-istess ammont.

F'dan ir-rigward din il-Qorti hija tal-fehma li l-appell tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali huwa gustifikat u jimmerita li jigi milquh. In fatti ma hemmx dubbju li l-ammont reklamat mid-Direttr tas-Sigurta` Socjali kien dovut mis-socjeta` rikorrenti billi din, bhala "employer", kienet naqset li tottempera ruhha ma' l-obblgi imposti fuqha mill-Kap 318 tal-Ligijiet ta' Malta meta naqset li thallas dak li kien dovut. Kien ghalhekk naturali li kull rikonoxximent tad-debitu jsir mill-istess socjeta` kif rapprezentata mill-ufficjali taghha. Dan ir-rikonoxximent, izda, iwassal biss ghac-certezza tad-debitu u ma jista` jnaqqas xejn mill-obbligi imposti fuq l-ufficjali ta' l-istess socjeta` naxxenti mill-Kap 318 tal-Ligijiet ta' Malta u senjatament l-Artikolu 123 hawn fuq riprodott. Dan l-artikolu jitkellem bl-aktar mod car u inekwivoku meta jispecifika li l-*manager* jew ufficjal principali ta' korp jew ghaqda ghandu jaghmel dak "*l-att, affarijiet jew haga ohra*" li huma mehtiega u is-subartikolu (2) ta' l-istess artikolu jkompli jenfasizza li meta fl-ezekuzzjoni ta' dak l-obbligu jkollu jsir xi hlas minn korp jew ghaqda ta' persuni u mill-manager jew ufficjal principali iehor taghha, <u>dak l-obbligu jkun *in solidum.*</u> Dan jista' jfisser biss li r-rikorrenti Carmel u Saviour Borg ghandhom jinzammu responsabbli flimkien mas-socjeta` rikorrenti ghall-ammont dikjarat dovut.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali qed jigi milqugh u konsegwentement is-sentenza appellata qed tigi riformata inkwantu qed tigi konfermata f'dik il-parti fejn is-socjeta` rikorrenti giet mizmuma responsabbli ghall-ammont dovut u revokata inkwantu giet milqugha t-talba tar-rikorrenti personalment meta gie dikjarat li huma m'humiex debituri ta' l-intimat, u dana billi l-istess rikorrenti Carmel u Saviour Borg qed jigu dikjarati responsabbli b'mod solidali mas-socjeta` rikorrenti ghall-ammont reklamat. L-ispejjez ta' dan l-appell, ghalhekk, ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti *proprio*, solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------